IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.11.2013
SWD(2013) 473 final

# DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

## SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

*Li jakkumpanja d-dokument*

**Proposta għal Direttiva tal-Kunsill**

**li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2011/96/UE dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpaniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti**

{COM(2013) 814 final}
{SWD(2013) 474 final}
{SWD(2013) 475 final}

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**

**SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

***Li jakkumpanja d-dokument***

**Proposta għal Direttiva tal-Kunsill**

**li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2011/96/UE dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpaniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti**

# 1. KWISTJONIJIET PROĊEDURALI U KONSULTAZZJONI TAL-PARTIJIET INTERESSATI

## Il-Kuntest tal-UE

**Diskrepanzi f'self ibridu**

Bħala parti minn xogħolha dwar l-effetti distorsivi tad-diskrepanzi l-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta rrieżamina forma ibrida ta' dejn bejn kumpaniji assoċjati imsejħa self b'sehem mill-profitti ("PPLs"). Il-kwistjoni kienet li pagamenti permezz ta' PPL transfrontiera ġew ittrattati bħala eżenti mit-taxxa mill-Istat Membru tas-sors u bħala eżenti mit-taxxa tad-distribuzzjoni ta' profitti (dividendi) fl-Istat Membru destinatarju biex b'hekk irriżultaw f'sitwazzjoni ta' nontassazzjoni doppja.

F'Mejju 2010 il-Grupp dwar il-Kodiċi qabel li l-Istat Membru destinatarju għandu jsegwi t-trattament tat-taxxa (jiġifieri bħala dejn jew ekwità) mogħti lil pagamenti ta' self ibridu mill-Istat Membru tas-sors sabiex tiġi evitata nontassazzjoni doppja (dok. 10033/10 FISC 47).

Madankollu f'Ottubru 2011, analiżi tal-Kummissjoni wriet li din is-soluzzjoni miftiehma tmur kontra d-Direttiva tal-Kumpaniji Prinċipali u Dawk Sussidjarji[1] ("PSD"). Kien hemm żewġ alternattivi biex din tkun indirizzata: (i) l-iżvilupp ta' soluzzjoni alternattiva fil-Grupp dwar il-Kodiċi jew (ii) l-emendar tal-PSD. Laqgħa ta' esperti tal-Istati Membri fi grupp ta' ħidma tal-Kummissjoni kkonkludiet li emenda mmirata tal-PSD tkun preferibbli għall-Istati Membri.

Il-Pjan ta' Azzjoni biex tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-frodi fiskali u l-evażjoni tat-taxxa adottat mill-Kummissjoni fis-6 ta' Diċembru 2012 (COM (2012)722) inkluda din l-emenda bħala azzjoni li għandha tittieħed fi żmien qasir (fl-2013). Bħala segwitu għall-Pjan ta' Azzjoni, il-Kummissjoni organizzat żewġ laqgħat ta' konsultazzjoni għal esperti tal-Istati Membri u partijiet interessati esterni mis-settur privat, l-akkademja, l-organizzazzjonijiet tan-negozju, l-assoċjazzjonijiet tat-taxxi f'April 2013 sabiex jiġu diskussi żewġ għażliet ta' politika.

Taħt l-għażla A1 pagamenti ta' distribuzzjoni ta' profitt deduċibbli mill-Istat Membru tas-sors jistgħu jiġu esklużi mill-PSD. Skont l-għażla A2 il-benefiċċji tal-eżenzjoni mit-taxxa fil-PSD se jinċaħdu fuq il-pagamenti ta' distribuzzjoni ta' profitt deduċibbli fl-Istat Membru tas-sors.

Tmienja mill-ħmistax-il Stat Membru li pparteċipaw appoġġjaw bil-qawwi l-għażla A2. Stat Membru wieħed aċċetta li jemenda l-PSD għaċ-ċarezza b'kemxejn preferenza għal din l-għażla. Erba' Stati Membri qalu li huma kienu se jaċċettaw emenda għall-finijiet ta' kjarifika, minkejja li huma jemmnu li l-ebda emenda għall-PSD ma kienet meħtieġa. SM wieħed kien

[1] Id-Direttiva 2011/96/UE dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpaniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti (riformulazzjoni), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2013/13/UE li tadatta ċerti direttivi fil-qasam tat-tassazzjoni minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja.

favur l-għażla A1. Stat Membru ieħor kien miftuħ għaż-żewġ għażliet u ħeġġeġ għal emenda rapida. Erba' Stati Membri għażlu li ma jattendux.

Waqt il-laqgħa tal-partijiet interessati, l-opinjonijiet espressi kienu differenti. Għalkemm risponsi għall-konsultazzjoni pubblika tal-2012 kienu qablu b'mod ġenerali li diskrepanzi bħal dawn ma kienux mixtieqa, xi rappreżentanti tan-negozju ma rawx in-nontassazzjoni doppja b'mod negattiv. B'mod partikolari, l-għażla A2 ma tantx kienet popolari minħabba li tillimita d-drittijiet tal-kontribwenti u tal-Istati Membri; li tiġi permessa nontassazzjoni doppja kienet ikkunsidrata bħala għażla apposta possibbli mill-Istat Membru. Rappreżentanti oħrajn tan-negozju appoġġaw l-għażla A1. Min-naħa l-oħra, NGOs u akkademiċi b'mod ġenerali appoġġjaw l-għażla A2.

Fil-21 ta' Mejju 2013, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni[2] fejn ħeġġeġ lill-Istati Membri biex jilqgħu l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni u jimplimentaw bis-sħiħ ir-Rakkomandazzjoni dwar l-ippjanar aggressiv tat-taxxa. Il-Parlament Ewropew talab ukoll lill-Kummissjoni biex tindirizza d-diskrepanzi li jeżistu bejn sistemi fiskali differenti u tippreżenta proposta għar-reviżjoni tal-PSD biex tirrevedi l-klawżola kontra l-abbuż u biex telimina n-nontassazzjoni doppja fl-UE.

Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-22 ta' Mejju 2013, il-Kunsill Ewropew sejjaħ għal progress rapidu f'ċerti kwistjonijiet tat-taxxa u ħabbar li "il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tippreżenta proposta qabel it-tmiem tas-sena għar-reviżjoni tad-Direttiva tal-"kumpanija 'prinċipali/sussidjarja'".[3]

**<u>Dispożizzjoni kontra l-abbuż</u>**

Il-pjan ta' azzjoni wkoll jimpenja lill-Kummissjoni biex tirrieżamina d-dispożizzjonijiet ta' kontra l-abbuż tal-PSD u d-Direttivi dwar l-Interessi u d-Drittijiet Dovuti u l-Fużjonijiet bil-għan li jkunu implimentati l-prinċipji sottostanti tar-Rakkomandazzjoni dwar l-ippjanar aggressiv tat-taxxa.

Ir-Rakkomandazzjoni proponiet li l-Istati Membri għandhom jadottaw Regola Ġenerali Kontra l-Abbużi ("GAAR") biex tirreaġixxi għall-ippjanar aggressiv tat-taxxa li jaqa' 'l barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' regoli speċifiċi eżistenti ta' kontra l-evitar. Madankollu, ir-Rakkomandazzjoni ma tapplikax għal direttivi dwar it-taxxa korporattiva hekk kif il-prinċipji sottostanti tagħha ma jistgħux jiġu invokati mingħajr azzjoni leġiżlattiva.

Il-proposta tal-GAAR issegwi l-approċċ meħud fl-Artikolu 13 tad-Direttiva proposta li timplimenta kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tat-taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji ("TTF").[4] Saru konsultazzjonijiet mal-Istati Membri u l-partijiet interessati f'April 2013.

Erbgħa mill-ħames Stati Membri li tkellmu argumentaw li l-GAAR m'għandhiex tiddaħħal fid-direttivi. Huma jippreferu GAARs domestiċi. Tnejn minnhom kienu jemmnu ukoll li l-GAAR tista' titjieb.

Stat Membru wieħed appoġġja l-emendar tat-tliet direttivi kollha, għalkemm xi xogħol ikun meħtieġ fuq l-abbozzar tal-GAAR. F'kontribuzzjoni bil-miktub dan l-Istat Membru wara tenna l-appoġġ tiegħu li jemenda l-PSD sabiex joħloq obbligu li jkun hemm regola kontra l-abbuż.

Il-partijiet interessati ma qablux dwar jekk għandhomx jiġu emendati d-direttivi b'GAAR jew le iżda r-rappreżentanti tan-negozju b'mod ġenerali kienu favur GAARs domestiċi. Min-naħa

[2] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2013 dwar il-Ġlieda kontra l-Frodi tat-Taxxa, l-Evażjoni tat-Taxxa u r-Rifuġji Fiskali (2013/2060(INI)).

[3] EUCO 75/1/13 REV 1.

[4] COM(2013) 71 finali, l-14 ta' Frar 2013.

l-oħra, NGOs u rappreżentant wieħed tan-negozju dehru li jiffavorixxu inklużjoni tal-klawżola GAAR fid-direttivi.

**Kuntest internazzjonali**

Il-kwistjoni tal-erożjoni tal-bażi tat-taxxa korporattiva hi ta' importanza ewlenija fl-aġenda politika ta' ħafna pajjiżi tal-UE u anki ta' dawk li mhumiex fl-UE u kienetfuq l-aġenda tal-laqgħat riċenti tal-G20 u G8[5] kif ukoll fl-OECD li attwalment qed tagħmel xogħol fuq l-erożjoni tal-bażi u t-trasferiment tal-profitt ('BEPS')[6].

F'Marzu 2012, l-OECD ippubblikat ukoll Rapport intitolat "Hybrid Mismatch Arrangements (Arranġament ta' Diskrepanzi Ibridi: Tax Policy and Compliance Issues" (Kwistjonijiet ta' Politika ta' Taxxa u Konformità) li rrakkomanda li l-pajjiżi għandhom jikkunsidraw jekk idaħħlux regoli għat-tiċħid tal-benefiċċji fil-każ ta' ċerti diskrepanzi ibridi jew jagħmlu reviżjoni tagħhom. Arranġamenti ta' diskrepanzi ibridi u l-arbitraġġ ġew identifikati wkoll bħala element ewlieni fil-proġett BEPS.[7]

Filwaqt li l-Kummissjoni tagħraf l-importanza ta' soluzzjonijiet globali, hemm ħtieġa li l-UE tindirizza d-diskrepanzi u l-abbuż waqt li tqis l-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Il-Kummissjoni temmen li r-reviżjoni tal-PSD jista' jagħti kontribut importanti lix-xogħol tal-BEPS tal-OECD minħabba li din ser tirrappreżenta l-aħjar prassi fil-ġlieda kontra l-erożjoni tal-bażi.

## 2. DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA

**Deskrizzjoni tal-problemi**

Diskrepanzi fis-self ibridu

Arranġamenti ta' self ibridu huma strumenti finanzjarji li għandhom karatteristiċi kemm ta' dejn u ta' ekwità. Minħabba kwalifiki differenti tat-taxxa mogħtija minn Stati Membri għal self ibridu (dejn jew ekwità), pagamenti permezz ta' self ibridu transfruntiera huma trattati bħala nefqa deduċibbli mit-taxxa fi Stat Membru wieħed (l-Istat Membru ta' min iħallas) u bħala distribuzzjoni ta' profitti eżenti mit-taxxa (dividendi) fl-Istat Membru l-ieħor (l-Istat Membru ta' min jitħallas), u b'hekk ikun hemm nontassazzjoni doppja mhux mixtieqa.

Dispożizzjoni kontra l-abbuż

L-Artikolu 1(2) tal-PSD diġà jippermetti lill-Istati Membri biex jadottaw dispożizzjonijiet nazzjonali kontra l-abbuż. Madankollu il-mizuri eżistenti kontra l-abbuż tal-Istati Membri huma varjati ħafna, minħabba li ġew imfassla biex jindirizzaw it-tħassib speċifiku tal-Istati Membri u l-karatteristiċi tas-sistemi ta' tassazzjoni tagħhom biex b'jekk iwasslu għal nuqqas ta' ċarezza għal dawk li jħallsu t-taxxa u għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa. Is-sitwazzjoni attwali tista' potenzjalment twassal ukoll għal użu skorrett tad-direttiva jekk id-dispożizzjonijiet kontra l-abbuż f'xi Stati Membri huma anqas stretti jew ineżistenti.

**Min hu affettwat?**

L-Istati Membri huma affettwati minħabba tnaqqis mid-dħul mit-taxxi. In-negozji huma affettwati minħabba li kumpaniji kbar b'operazzjonijiet transfruntieri li jifilħu jħallsu għal

5 Id-dikjarazzjonijiet finali tal-laqgħa tal-mexxejja tal-G20 tat-18-19 ta' Ġunju 2012; il-Kommunikazzjoni mill-laqgħha tal-Ministri tal-Finanzi tal-G20 u l-gvernaturi tal-banek ċentrali tal-5-6 ta' Novembru 2012, tal-15-16 ta' Frar 2013 u tat-18-19 April 2013; id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Kanċillier tat-Teżor tar-Renju Unit u l-Ministru tal-Finanzi tal-Ġermanja fuq il-marġni tal-laqgħa G20 f'Novembru 2012; il-Kommunikazzjoni mis-sammit tal-mexxejja tal-G8 tas-17-18 ta' Ġunju 2013.

6 OECD, L-Indirizzar tal-Erożjoni tal-Bażi u t-Trasferiment tal-Profitt, 2013.

7 OECD, Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Erożjoni tal-Bażi u t-Trasferiment tal-Profitt, 2013,

skemi ta’ taxxa sofistikati jibbenefikaw minn vantaġġ kompetittiv fuq kumpaniji żgħar u ta’ daqs medju u kumpaniji kbar mhux involuti f’ippjanar aggressiv tat-taxxa. Iċ-ċittadini huma affettwati indirettament mit-tnaqqis tal-baġit għas-servizzi pubbliċi u benefiċċji soċjali. Il-fiduċja pubblika fil-ġustizzja tas-sistema fiskali tista’ tiġi affettwata mill-abilità ta’ xi kontribwenti li jibbenefikaw minn diskrepanzi.

**Sussidjarjetà u proporzjonalità**

Din l-inizjattiva tfittex li tindirizza diskrepanzi finanzjarji ibridi bl-użu tal-PSD u tintroduċi regola ġenerali kontra l-abbużi sabiex jitħares it-tħaddim ta’ din id-direttiva.

Dawn l-għanijiet jeħtieġu emenda tal-PSD. Fi kwistjonijiet ta’ taxxa diretta, il-bażi ġuridika rilevanti hija l-Artikolu 115 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) li skont dan il-Kummissjoni tista’ toħroġ direttivi għall-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Istati Membri kif jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-Suq Intern.

L-objettivi tal-inizjattiva ma jistgħux jinkisbu b’mod suffiċjenti b’mod unilaterali mill-Istati Membri. Huma eżattament id-differenzi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali rigward it-trattament fiskali ta’ finanzjament ibridu li jippermettu lill-kontribwenti, b’mod partikolari gruppi ta’ kumpaniji, biex jimpjegaw strateġiji tal-ippjanar fiskali transfruntier li jwasslu għal distorsjonijiet ta’ flussi tal-kapital u tal-kompetizzjoni fis-Suq Intern. Għalhekk l-emendi proposti jikkonformaw mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. L-emendi proposti wkoll huma konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità peress li dawn ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet involuti u, b’hekk, biex jinkisbu l-għanijiet tat-Trattati, b’mod partikolari għall-funzjonament tajjeb u effettiv tas-Suq Intern.

## 3. OBJETTIVI

Diskrepanzi fis-self ibridu

L-objettiv tal-inizjattiva hu li l-kumpaniji kollha jiġu ntaxxati fuq il-profitti realizzati fl-Istat Membru tal-UE kkonċernat u li l-kumpaniji ma jistgħux jevitaw it-taxxa bl-esplojtazzjoni ta' lakuni fil-finanzjament ibridu f’sitwazzjonijiet transfruntiera. L-inizjattiva għandha l-għan li tiżgura azzjoni effettiva kontra nontassazzjoni doppja f’dan il-qasam. L-applikazzjoni tal-PSD m’għandhiex b’mod involontarju tipprevjeni tali azzjoni.

Dispożizzjoni kontra l-abbuż

L-inizjattiva timmira li tipprovdi ċertezza u ċarezza għalkontribwenti u għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa u biex jiżguraw li l-kumpaniji ma jippruvawx b’mod mhux xieraq jieħdu vantaġġ mid-dispożizzjonijiet tal-PSD.

## 4. GĦAŻLIET TA’ POLITIKA

Diskrepanzi fis-self ibridu

Ġew ikkunsidrati l-għażliet ta' politika li ġejjin:

L-għażla A0: L-ebda azzjoni (xenarju ta' referenza)

L-Għażla A1: Pagamenti ta' distribuzzjoni ta’ profitti li huma deduċibbli fl-Istat Membru tas-sors jistgħu jiġu esklużi mill-PSD.

Għażla A2: Il-benefiċċji tal-eżenzjoni mit-taxxa fil-PSD jiċċaħdu għal pagamenti ta' distribuzzjoni ta’ profitt li huma deduċibbli fl-Istat Membru tas-sors. B'mod xieraq, l-Istat Membru tal-kumpanija li qed tirċievi (il-kumpanija prinċipali jew l-istabbiliment permanenti tal-kumpanija prinċipali) għandu jintaxxa l-parti tal-

pagamenti ta' distribuzzjoni ta’ profitt li hija deduċibbli fl-Istat Membru fejn tinsab is-sussidjarja li qiegħda tħallas.

Dispożizzjoni kontra l-abbuż

Għall-finijiet ta’ ċarezza u ċertezza, il-modi alternattivi li ġejjin ta’ titjib tad-dispożizzjoni kontra l-abbuż tal-PSD huma kkunsidrati:

L-Għażla B0: L-ebda azzjoni (xenarju ta' referenza)

L-Għażla B1: L-aġġornament tad-dispożizzjonijiet attwali ta' kontra l-abbuż tal-PSD fid-dawl tal-GAAR proposta fir-rakkomandazzjoni ta' Diċembru 2012 dwar l-ippjanar aggressiv tat-taxxa. Id-Direttiva se tkun emendata biex tinkludi r-regola komuni rrakomandata kontra l-abbuż. Skont din l-għażla, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu jekk iridux jew le li tiġi adottata r-regola kontra l-abbuż.

L-Għażla B2: L-istess bħall-għażla B1 biż-żieda li skont din l-għażla, ikun obbligu għall-Istati Membri sabiex jadottaw regoli komuni kontra l-abbuż.

## 5. Analiżi tal-impatti

Diskrepanzi finanżjarji ibridi

It-tabella li ġejja tagħti fil-qosor il-valutazzjoni tal-impatt (f’ordni li jiżdied minn --- għal +++)

| L-impatt mistenni | | | |
|---|---|---|---|
| | L-għażla A0: L-ebda azzjoni | L-Għażla A1: l-esklużjoni ta' pagamenti ta' self ibridu mill-PSD* | L-Għażla A2: l-esklużjoni ta' pagamenti ta' self ibridu mill-benefiċċji ta' eżenzjoni tat-taxxa tal-PSD |
| L-effikaċja fil-ksib tal-objettiv ta' politika | = | + | +++ |
| L-erba’ libertajiet | = | = | = |
| L-impatt ekonomiku | = | + | +++ |
| L-impatt soċjali | = | + | ++ |
| L-impatt fuq il-kontribwenti/l-amministrazzjonijiet tat-taxxa | = | + | +++ |
| L-impatt fuq il-baġit tal-UE | = | = | = |
| L-impatt fuq partijiet oħra | = | = | = |

* l-impatti mistennija jkunu l-istess bħal fl-Għażla A2 jekk l-Istati Membri kollha kellhom jimplimentaw il-gwida tal-Grupp dwar il-Kodiċi ta' Kondotta

Dispożizzjoni kontra l-abbuż

It-tabella li ġejja tagħti fil-qosor il-valutazzjoni tal-impatt (f'ordni li jiżdied minn --- għal +++)

| L-impatt mistenni | | | |
|---|---|---|---|
| | L-Għażla B0: L-ebda azzjoni* | L-Għażla B1: dispożizzjoni fakultattiva kontra l-abbuż fil-PSD* | L-Għażla B2: dispożizzjoni obbligatorja kontra l-abbuż fil-PSD |
| L-effikaċja fil-ksib tal-objettiv tal-politika | = | + | +++ |
| L-erba' libertajiet | = | + | + |
| L-impatt ekonomiku | = | = | + |
| L-impatt soċjali | = | = | = |
| L-impatt fuq il-kontribwenti/l-amministrazzjonijiet tat-taxxa | = | + | + |
| L-impatt fuq il-baġit tal-UE | = | = | = |
| L-impatt fuq partijiet oħra | = | = | = |

* l-impatti mistennija jkunu l-istess bħal fl-Għażla B2 jekk l-Istati Membri kollha kellhom jimplimentaw ir-regola ta' kontra l-abbuż irrakkomandata

## 6. TQABBIL TAL-GĦAŻLIET

Diskrepanzi finanżjarji ibridi

L-Għażla B0 ma tindirizzax il-kwistjoni tat-tassazzjoni doppja u lanqas mhi se tippermetti lill-Istati Membri li jimplimentaw fil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali tagħhom is-soluzzjoni politika miftiehma fil-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta. Ix-xenarju tal-linja bażi huwa għalhekk li l-lakuna se tkompli teżisti.

L-Għażla A1 tkun konformi mas-soluzzjoni adottata fid-Direttiva dwar l-Imgħax u d-Drittijiet Dovuti, iżda ma tindirizzax nontassazzjoni doppja possibbli kkawżata minn pagamenti finanzjarji ibridi, għalhekk kull Stat Membru se jkollu jadatta r-regoli domestiċi għall-gwida tal-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta bil-mod tiegħu

L-Għażla A2 tkun iktar effettiva mill-Għażla A1 biex tikkontrabatti arranġamenti finanzjarji ibridi u tiżgura trattament konsistenti madwar l-UE.[8]

L-Għażla A2 għandha tgħin biex jintlaħaq l-għan fundamentali tal-PSD, jiġifieri sabiex jinħoloq ambjent ekwu bejn gruppi ta' kumpaniji fi Stati Membri differenti u gruppi fl-istess Stat Membru. Iż-żieda f'investimenti transfruntiera tippermetti lil gruppi transfruntiera li jużaw strumenti finanzjarji ibridi li jisfruttaw diskrepanzi bejn sistemi differenti tat-taxxa nazzjonali. Dan iwassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn gruppi transfruntiera u dawk nazzjonali fl-UE, għall-kuntrarju tal-iskop tal-PSD.

Barra minn hekk, l-Għażla A2 tkun konformi mar-rakkomandazzjonijiet tal-OECD u l-approċċ politiku attwali tal-UE u non-UE kontra l-erożjoni tal-bażi fiskali u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa.

Għalhekk l-Għażla A2 hija l-għażla ppreferuta.

Dispożizzjoni kontra l-abbuż

L-Għażla B0 mhux se tiżgura ċ-ċarezza u ċ-ċertezza *vis-à-vis* id-dispożizzjonijiet kontra l-abbuż. Din lanqas ma tiżgura użu korrett tal-PSD.

L-Għażla B1 tipprovdi l-benefiċċji ta' ċarezza ladarba d-dispożizzjoni ssir konformi skont il-ġurisprudenza tal-QtĠ-UE dwar l-abbuż tad-drittijiet, iżda ma tiżgurax il-PSD kontra l-abbuż.

L-Għażla B2 hija l-unika għażla li tiżgura l-PSD kontra l-abbuż. Din l-għażla se tkun aktar effettiva mill-Għażla B1 biex jintlaħaq standard komuni għal dispożizzjonijiet ta' kontra l-abbuż li jittrattaw l-abbuż tal-PSD. Dispożizzjoni komuni kontra l-abbuż fl-Istati Membri kollha se tiżgura ċarezza u ċertezza għall-kontribwenti u l-amministrazzjonijiet tat-taxxa. Għalhekk l-Għażla B2 tiżgura li l-miżuri adottati u implimentati mill-Istati Membri tal-UE kontra l-abbuż ma jagħtux lok għall-ebda kwistjoni ta' konformità tal-UE.

Għalhekk l-Għażla B2 hija l-għażla ppreferuta.

## 7. MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

Hija prattika stabbilita li l-Kummissjoni timmonitorja l-implimentazzjoni tad-Direttivi tal-UE mill-Istati Membri. Il-bidliet legali previsti mill-inizjattiva huma tant sempliċi li ma hemmx bżonn li jsir studju dwar jekk l-objettivi tal-inizjattiva humiex sodisfatti. Huwa biżżejjed li timmonitorja l-fatt li l-Istati Membri verament jittrasponu r-regoli fil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

8 Hemm proposta pendenti fil-Kunsill biex ikun allinjat il-limitu fil-parteċipazzjoni fl-ishma fid-Direttiva dwar l-Imgħax u d-Drittijiet Dovuti għall-10 % tal-PSD Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar sistema komuni applikabbli għall-pagamenti ta' imgħax u ta' drittijiet dovuti bejn kumpaniji assoċjati ta' Stati Membri differenti (riformulazzjoni) (COM (2011) 714).